# RAĦAL TWELIDI

*Ta' M. AGIUS*

Raħal ġwejjed, b'arja tajba,
Wisq ħanin ridt int tkun magħna:
B'ġonna kbar u djar imżewqa,
Fin-nofs sew tal-Gżira tagħna!

Inti b'siġar sbieħ imdawwar
Taż-żebbuġ bil-frott ħadrani:
Taċ-ċipress, palm, awrikarji,
Tal-larinġ bil-frott ħamrani.

Tassew inti raħal ċkejken,
Iżda kbir f'xi ġrajja tiegħek:
Għaliex lill-Feddej tad-dinja
Int ridt tqim u tħaddan miegħek!

Inti ġejt ukoll imsejjaħ
Il-Parroċċa "Villa Lija"
B'Tempju sbejjaħ, b'Vara sbejħa,
Tal-Feddej b'Mosè u Elija.

Insellimlek raħal ċkejken
U rrid issa b'qalbi f'idi:
Nistqarr b'għajta illi nħobbok
Għaliex int Raħal Twelidi!

Lija.